**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Att ta' Akkuza Nru. 2/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Adalberto Alves Da Silva**

Illum, 25 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza Nru. 2 tas-sena 2021 pprezentat fil-konfront ta' Adalberto Alves Da Silva detentur tal-Passaport Brażiljan bin-numru FX776569 fejn l-Avukat General fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fil-ġranet preċedenti għall-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA iddeċieda li jimporta ammont ta' droga kokajina ġewwa l-Gżejjer Maltin. Għal dan il-għan huwa ppakkja madwar kilo u nofs (1.5kg) droga kokajina ġo pakketti u rabathom ma' kuxxtejh u mal-pxiexel u telaq minn Sao Paulo, l-Brażil, b'titjiriet tal-linja ta' l-ajru 'Emirates' bid-destinazzjoni aħħarija lejn Malta.

Illi għal ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2:30pm) ta' nhar l-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), it-titjira tal-'Emirates' bin-numru EK109, bl-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA abbord waslet ġewwa dawn il-gżejjer. L-akkużat sbarka minn fuq l-ajruplan, iżda hu u ħiereġ mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, huwa ġie nterċettat u mwaqqaf mill-Uffiċjali tad-Dwana li, flimkien ma' membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, rnexxielhom jintervjenu fil-ħin qabel ma ADALBERTO ALVES DA SILVA wassal id-droga kokajina lid-destinatarju/i tiegħu fil-Gżejjer Maltin.

Illi l-Uffiċjali tal-Pulizija fil-preżenza tal-Uffiċjali tad-Dwana għamlu tfittxija fuq il-persuna ta' ADALBERTO ALVES DA SILVA u nnutaw illi huwa kellu pakketti marbutin u mwaħħlin mal-koxxa u mal-pexxul ta' kull sieq.

Illi wara infetħet Inkjesta Maġisterjali, u rriżulta illi ADALBERTO ALVES DA SILVA kien qed iġor total ta' madwar kilo u nofs (1.5kg) tad-droga kokajina b'purita' ta' madwar ħamsin fil-mija (50%) kif iddeterminat aktar tard mill-espert maħtur mill-Qorti. Il-valur tat-triq ta' din id-droga ammonta għal bejn seba' u għoxrin elf u ħames mija u erba' u disgħin Ewro (€27,594) u mija u tnejn u għoxrin elf u sitt mija u erbgħin Ewro (€122,640).

Illi d-droga kokajina hija skedata skont l-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, billi wettaq l-atti msemmija hawn fuq b'intenzjoni kriminuża, l-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA sar ħati li mporta, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi mportata, droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tad-disposiżizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi ADALBERTO ALVES DA SILVA talli fl-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), fil-Gżejjer Maltin importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata, droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tad-disposiżizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtoriżażżjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux aktar minn mija u sittax -il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta' immobbli u mobbli kollha tal-akkużat, kif stabbilit fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġjiet ta' Malta u ta' l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kwalunkwe piena oħra applikabbli skont il-liġi fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fl-istess kuntest, lok, ħin, fatti u ċirkostanzi msemmija fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, jiġifieri fil-ġranet preċedenti għall-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA iddeċieda

li jimporta ammont ta' droga kokajina ġewwa l-Gżejjer Maltin. Għal dan il-għan huwa ppakkja madwar kilo u nofs (1.5kg) droga kokajina ġo pakketti u rabathom ma' kuxxtejh u mal-pxiexel u telaq minn Sao Paulo, l-Brażil, b'titjiriet tal-linja ta' l-ajru 'Emirates' bid-destinazzjoni aħħarija lejn Malta.

Illi għal ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2:30pm) ta' nhar l-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), it-titjira tal-'Emirates' bin-numru EK109, bl-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA abbord waslet ġewwa dawn il-gżejjer. L-akkużat sbarka minn fuq l-ajruplan, iżda hu u ħiereġ mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, huwa ġie nterċettat u mwaqqaf mill-Uffiċjali tad-Dwana li, flimkien ma' membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, rnexxielhom jintervjenu fil-ħin qabel ma ADALBERTO ALVES DA SILVA wassal id-droga kokajina lid-destinatarju/i tiegħu fil-Gżejjer Maltin.

Illi l-Uffiċjali tal-Pulizija fil-preżenza tal-uffiċjali tad-Dwana għamlu tfittxija fuq il-persuna ta' ADALBERTO ALVES DA SILVA u nnutaw illi kellu pakketti marbutin u mwaħħlin mal-koxxa u mal-pexxul ta' kull sieq.

Illi wara infetħet Inkjesta Maġisterjali u rriżulta illi ADALBERTO ALVES DA SILVA kien ġarr total ta' madwar kilo u nofs (1.5kg) tad-droga kokajina b'purita' ta' madwar ħamsin fil-mija (50%) kif iddeterminat aktar tard mill-espert maħtur mill-Qorti. Il-valur tat-triq ta' din id-droga, kif determinat mill-espert maħtur mill-Qorti, ammonta għal minn madwar seba' u għoxrin elf u ħames mija u erba' u disgħin Ewro (€27,594) sa madwar mija u tnejn u għoxrin elf u sitt mija u erbgħin Ewro (€122,640).

Illi b'hekk l-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA ġie illi ġewwa l-Gżejjer Maltin kellu fil-pussess tiegħu droga perikoluża [kokajina] meta ma kienx fil-pussess t'awtorizżazzjoni maħruġa mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u liema droga nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kienetx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga kokajina hija skedata skont l-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, billi wettaq l-atti msemmija hawn fuq b'intenzjoni kriminuża, l-akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA sar ħati li kellu fil-pussess tiegħu droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tad-disposiżizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizżazzjoni maħruġa mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern skond id-disposiżizzjonijiet tar-regolamenti msemmija hawn taħt, u meta ma kienx liċenzjat jew awtoriżżat biex jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx inkella liċenzjat mill-President ta' Malta jew awtoriżżat mir-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi biex ikollu fil-pussess tiegħu d-droga msemmija u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu personali tiegħu, skond riċetta medika kif provdut fl-imsemmija regolamenti u dan bi ksur tar-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292/1939) kif emendat sussegwentament bl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet

ta' Malta u L.S. 101.02 u liema droga nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinetx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi ADALBERTO ALVES DA SILVA talli fl-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), fil-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tal-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizazzjoni maħruġa mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern skond id-disposiżizzjonijiet tar-regolamenti msemmija hawn taħt, u meta ma kienx liċenzjat jew awtorizzat biex jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx inkella liċenzjat mill-Presidenti ta' Malta jew awtorizzat mir-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi biex ikollu fil-pussess tiegħu d-droga msemmija u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu personali tiegħu, skond riċetta medika kif provdut fl-imsemmija regolamenti u dan bi ksur tar-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292/1939) kif emendat sussegwentament bl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u L.S. 101.02 u liema droga nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinetx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat ADALBERTO ALVES DA SILVA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux aktar minn mija u sittax -il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta' immobbli u mobbli kollha tal-akkużat, kif stabbilit fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a),(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġjiet ta' Malta u r-regolamenti 2,4,6,9 u 16 tar-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi (L.S. 101.02 / N.G. 292/1939) u ta' l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kwalunkwe piena oħra applikabbli skont il-liġi fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Rat l-atti inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors kongunt tal-akkuzat Adalberto Alves Da Silva u l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2021 fejn esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' prospetta u maqbula bejn il-partijiet li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Adalberto Alves Da Silva ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-Att tal-Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha

tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal-perijodu ta' tnax (12)-il sena u sitt (6) xhur u multa ta' tmienja w ghoxrin elf Ewro (€28,000). Dan oltre il-hlas ta' spejjez peritali nkorsi f'dan il-kaz, u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalsiasi flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrent akkuzat Adalberto Alves Da Silva.

Rat illi waqt is-seduta ta' llum, l-akkuzat Adalberto Alves Da Silva wara li gie mistoqsi mir-registratur, wiegeb illi huwa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti spjegatilu il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u taghtu zmien jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u dan ai termini tal-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali appuntat mill-Qorti sabeix jassistih u fil-presenza tal-interpretu ukoll nomiant mill-Qorti u dan sabeix il-Qorti taccerta ruhha li l-akkzuat fehem l-import tal-patteggjament u tal-piena li huwa ser jaffaccja.

Ghaldaqstant, u in vista' ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddikjara lill-imsemmi Adalberto Alves Da Silva hati talli:

1. Fl-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), fil-Gżejjer Maltin importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata, droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tad-disposiżizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtoriżażżjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

2. Fl-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), fil-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu droga perikoluża [kokajina] ġewwa l-Gżejjer Maltin bi ksur tal-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtoriżazzjoni maħruġa mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern skond id-disposiżizzjonijiet tar-regolamenti msemmija hawn taħt, u meta ma kienx liċenzjat jew awtoriżżat biex jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u

ma kienx inkella liċenzjat mill-Presidenti ta' Malta jew awtorizżat mir-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi biex ikollu fil-pussess tiegħu d-droga msemmija u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu personali tiegħu, skond riċetta medika kif provdut fl-imsemmija regolamenti u dan bi ksur tar-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292/1939) kif emendat sussegwentament bl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u L.S. 101.02 u liema droga nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kinetx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Ikkunsidrat,

Rat illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat Adalberto Alves Da Silva u cioe' dik imsemmija fin-nota konguntiva taghhom pprezentata fl-atti nhar it-18 ta' Mejju, 2021.

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward tal-hati Adalberto Alves Da Silva il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat ir-relazzjoni tal- Ispizjar Godwin Sammut (Dok GS1) pprezentata nhar it-13 ta' Frar, 2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja, rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala droga kokaina, u li l-piz totali ta' 1,533 grammi ta' valur ta' bejn €27,594 u €122,640 u li l-persentagg medju ta' kokajina fil-materjal kien ta' cirka 55%.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga kokaina f'ammonti ta' madwar kilo u nofs, senjatament <u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Enrique Martinez Burgoa'</u>[1] u '<u>Ir-Repubblika vs. Yanez Pinon Miguel Angel</u>[2]'.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**<u>Ir-Repubblika</u>**

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Jannar, 2018
[2] Deciza mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Mejju, 2010

**ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fit-18 ta' Mejju, 2021 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 2, 4, 6, 9 u 16 tar-Regoli Għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi (L.S. 101.02 / N.G. 292/1939) u ta' l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Adalberto Alves Da Silva ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' **tnax (12) il-sena u sitt (6) xhur priguneria**, flimkien ma **multa ta' tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000)** li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati ihallas s-somma ta' erbat elef, hames mija u seba' u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€4,547.40)**,** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatji.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur

---

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatji.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur